KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 81, miżmuma nhar il-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2019 fil-17:30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

---

**Membri Preżenti:**

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Carlos Zarb — Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**Membri Skużati:**

- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Mandy Buhagiar — Kunisllier

**Membri Assenti:**

- Edward Bugeja — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**Minuti 81**

Is-Sindku fetħet il-laqgħa fil-Ħamsa u nofs ta' filgħaxija, fejn kien għad m'hemmx quorum sabiex titkompla l-laqgħa.

**81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Is-Sindku qrat l-ittri tal-apoloġiji mingħand:
Il-Viċi Sindku – Daniel Grima minħabba raġunijiet ta' xogħol
Il-Kunsillier – Mandy Buhagiar minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier – Paul Bugeja minħabba li msiefer.
Il-Kunsillier – Antoinette Bezzina minħabba li msiefra.

Il-Kunsillier Edward Bugeja ma bagħtx l-appologija tiegħu.

**81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-minuti**
- Ġie deċis li l-minuti Nr 80 jitilgħu fil-laqgħa li jmiss.

**81.3 Komunikazzjon mis-Sindku**
**Ittra : Alexandra Smart Costantino**
Is-Sindku qrat l-ittra ta' riżenja minn għand l-Iskrivana Alexandra Smart Costantino. Il-Kunsill awgurala l-isbaħ xewqat għal futur.
**Smart Bins**
Is-Sindku qrat korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Smart Bins. Il-Kunsill qabel li għandna nirreġistraw l-interess.

**Wignacourt Tower Festival**
Is-Sindku qrat korrispondenza dwar Wignacourt Tower Festival li ser issir fit-28/04/2019. F'dan il-Festival ser issir 'majjalata' u l-qlieh ser imur kollu ghal Community Chest Fund. Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk din l-attivita hiex ser issir mil-fondi tas-sena l-oħra u is-SE ikkonfermat dan. Il-Kunsillier Grima ġibed l-

attenzjoni li minħabba żewġ attivitajiet fl-istess ġurnata jista' jkun hemm problema ta' parkeġġ.

**PA/01438/18**

Is –Sindku informat li s-SE sejra il-laqgħa nhar il-Ħamis 4 t'April 2019 rigward PA/01438/18 (Porto Del Sol, It-Telgħat Tax-Xemxija c/w , Triq ir-Ridott, Xemxija.

**Mobile Kiosk- Fra Ben Qawra**

Is-Sindku qrat korrispondenza ta' notifika mingħand il-Local Government Association dwar Mobile Kiosk-Umbrellel u Sunbeds li ser jitpoġġa fil-bajja ta' Fra Ben fil-Qawra.

**Cirkolari Prince 2**

Is-Sindku qrat Cirkolari mingħand AKL 2019/030 – Taħriġ fl-immaniġjar tal-Proġetti – PRINCE 2 għal minn jista jkun interessat.

**Alison Freeman Memorial Bench**

Inqrat korrispondenza mingħand Alison Freeman, fejn qedgħa titlob li issir bank publiku f'memorja ta' missierha fi Triq Tax-Xtut, Qawra fejn il-boathouses. Il-Kunsill approva b'kundizjoni li l-manutenzjoni isir mis-Sinj Freeman u mhux mil-Kunsill.

**Seminar**

Korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implementazzjoni ta' Policy jixtieq jistieden lil membri tal-Kunsill għal seminar ta' ġurnata biex jiġġenera għarfien dwar kif il-Gvern Lokali jista' ikun strumentali fl-implimentazzjoni ta' policies u strateġiji nazzjonali permezz ta' skemi u inizjattivi oħra għal stil ta' ħajja aktar sana għac-Ċittadin. Is-Seminar ser isir nħar l-Erbgħa 03 t'April 2019 fid-09.00am fil-lukanda Dolmen il-Qawra.

**PA/06747/18**

Is-Sindku qrat l-informazzjoni li s-smiegħ ta' dan l-appell ser isir nhar il-Ħamis 28 ta' Marzu fis 1.30pm. Ir-Rapport li għamel l-Avukat tal-Kunsill ġie prezentat fuq il-mejda u kien hemm it-talba li dan l-appell jintbgħat b-imejl lil-Kunsilliera kollha.

**DG/K/04/2019**
Is-Sindku qrat komunikat DG/K/04/2019 – Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw f'dan l-iżvilupp.

**Iċ-Ċirkolari Numru SPI/05/2019**
Rebbiegħa fil- Komunita – Xettel b'Ilwien in-Natura, inqrat mis-Sindku w l-Kunsill qabel li japplika.

**Applikazzjoni ghal iktar sigar fil-Lokalita**
Is-SE spjegat li applikat mad-Direttorat (EOP re Trees for Local Councils) għal 45 siġra ndiġena minħabba li d-deadline sabiex napplikaw kienet ferm qabel il-laqgħa. Il-Kunsill approva.

**PC03/18**
Is-Sindku qrat notifikazzjoni dwar PC03/18, West End, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar. Ser ikun hemm laqgħa nhar it-30t'April 2019 fl-4.00pm. Il-Kunsillier Alfred Grima nforma li hu kien diġa ressaq l-oġezzjoni tiegħu minħabba li kien ser jittieħed parti mil-wied f'dan l-proġett. Il-Kunsillier Cremona astjena milli jgħaddi l-kummenti tiegħu minħabba li għandu kunflitt ta' interess.

**Measure 4.3**
F'Komunikazzjoni mingħand is-Sindku rigward il-Kuntratturi li qedin jieħdu ħsieb it-toroq urbani (Measure 4.3) Il-Kunsill qabel li għandu jintalab suġġeriment mingħand il-Perit flimkien mal-Avukat tal-Kunsill u din l-informazzjoni għandna tiġi ċċirkolata qalb il-Kunsilliera sabiex tkun tista titla f'laqgħa oħra għad-diskussjoni.

Hekk kif Is-Sindku lestiet il-Korrispondenza, il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk hiex ser itella korrispondenza mingħand l-Ex Deputat SE Elke Sghendo. Is-Sindku wieġbet li din il-korrispondenza m'għandiex għalfejn titla minħabba li avolja isemma isem is-Sinj. Sghendo f' laqgħat preċedenti qatt ma ntqall xejn ħazin jew bdis rispett fil-konfront tagħha.

**81.4 – Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa l-informazzjoni li jmiss;

Ir-rendikont tal-korsijiet Robotica u Coding,
Li jingib il-kuntratt ta' l-Aquarium biex jigi skrutinat,
Li jinghalaq il-kaz ta' l-ispiza tas-shutter doors,
Meta sa jsiru is-sinjali tat-traffiku fi triq il-Qalb ta' Gesu/Korp tal-Pijunieri,
Meta sejra titranga l-bankina ta' triq  il-Qalb ta' Gesu
Meta se ninghata kjarifika ta' x'sar mill-cables u l-lampi li jinqalaw,

**81.5 – Rapporti/jew approvazzjoni ta' Rapporti**

**81.5.1 – Rapport ta' Interviews**
Is-Sindku qrat ir-rapport dwar l-interviews fejn informat lil-Kunsilliera li applikaw tlieta min nies għal pozizzjoni ta' Uffiċjal Ezekuttiv u żewġ skrivani. Il-Persuna li applikat għal uffiċjal Eżekuttiv ġibdet lura l-applikazzjoni tagħha b'hekk waqat dik il-pozizzjoni mentri, ż-żewġ persuni l-oħra li applikaw għal skrivani ġew mgħajta għal interview u kkunsidrati sabiex jiġu ghat-tieni interview. Il-Kunsill approva.

**81.5.2 – Rapport ta' Claims**
Is-Sindku prezentat rapport ta' 36 claim lil Kunsilliera. Il-Kunsillier Alfred Grima stqar li dawn l-ammont ta'claims ifissru li għandna disastru fit-toroq madwar il-lokalita.
Is-Sindku kompliet tispjega li l-Board ħa deċiżjonijiet rigward dawn l- Claims waqt laqgħa bejniethom, u għalekk Il-Kunsillier Alfred Grima qal li il-Kunsill għandu jimxi skond dawn id-deċizjonijiet sabiex jinzammu l-istess prinċipji għal claims li għaddew qabel, filwaqt li għandu jintbgħat it-total li gie rimibursat f-imejl icirkulata lil Kunsilliera kollha. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera Dounia Borg proponiet li l-Kunsill jghaddi ghal item 81.10. Il-Kunsill Qabel

**81.10 – Approvazjoni tal-iskeda ta' Pagamenti  u approvazzjoni ta' xiri ta'oġġetti jew servizzi.**

Is-Sindku preżentat l-iskeda ta' pagamenti lil Kunsilliera. Il-Kunsillier Alfred Grima għamel statment rigward pagament Nr 223 – Bonnici Bros Ltd – Triq il-Kaħli fejn qal li dawn il-flus intnefqu fil-ħela għaliex ma saritx riċerka qabel u maħarġux il-permessi neċessarji. Is-Sindku wieġbet billi qalet li ħadt ma' stenna li kienet ser iċċedi t-triq kif ġara u b'hekk telgħat l-ispiza. Il-Kunsillier Graziella Galea kopliet billi qalet li l-importanti issa issir it-Triq kif suppost.

L-Iskeda ġiet approvata, proponent il-Kunsillier Dounia Borg u sekondant il-Kunsillier Joseph Vella.

**<u>81.11 Tenders/Quotations</u>**

**<u>81.11.1 & 81.11.2 – Approvazzjoni – Rapporti ta' Evalwazzjoni</u>**
Il-Kunsill iddiskuta iżda kien hemm ftehim li dawn ir-rapporti jerġgħu jitilaw fil-laqgħa li jmiss sakemm jiġi ċċarat id-disgwit rigward l-evalwaturi.

**<u>81.7. – Latrini f'Zoni Turistiċi – Pilot Project FTZD</u>**
Is-Sindku flimkien mas-SE spjegaw fiex jikkonsisti dan il-Pilot Project FTZD u saqsew x'inhuma il-vizjonijiet tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li ma jaqbilx ma' dan il-proġett għaliex il-Kunsill ser jitlef parti mis-saħħa tiegħu . Il-Kunsillier Stephen Cremona wera'interess f'dan il-proġett u qal li s'issa il-Kunsill ma kienx kapaċi joffri Latrini kif suppost u li għandna nikkunsidraw ferm dan il-Proġett għal ġid tar-residenti u t-turisti. Il-Kunsillier Rodney Galea qabel mal Kunsillier Stephen Cremona.
Il-Kunsillier Graziella Galea proponiet li ninfurmaw lil AKL li l-Kunsill huwa nteressat fil-proposta iżda l-Kunsill għandu xi mistoqsijiet bħal ez: jekk dawn humiex ser ikunu bil-ħlas etc.

Il Kunsill qabel ma din il-proposta u l-informazjoni għanda tintbagħt f-imejl sabiex tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**<u>81.6 – Blues Limited</u>**
Il-Laqgħa ġiet sospiza sakemm tkelmu is-Sinj Fenech Soler u l-Avukat tiegħu.

Sakemm il-laqgħa kienet sospiza qamu xi Kunsilliera min mal-mejda għaliex kien ser il-ħin u b'hekk waqa il-Quorum u il-laqgħa ma setatx titkompla.

**81.2 Tmiem il-Laqgħa**

| | |
|---|---|
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekutti |